**EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA SEKONDARJA 2005**
Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

| IT-TIELET SENA | STUDJI SOĊJALI | ĦIN: SIEGĦA U NOFS |
|---|---|---|

Isem: ______________________________ Klassi: ______________

## A. Imla bil-kliem mil-lista.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| relazzjoni | għaqdiet | diżgrazzji | turiżmu | kultura |
| adolexxenza | ambjent | reklami | inklusiva | ekonomija |

1. Bħala bnedmin inħossu l-bżonn li nikkomunikaw ma' l-oħrajn u nibnu ______________________ magħhom.
2. L-______________________ tagħna rridu nħarsuh billi nisseparaw l-iskart bejn ħġieġ, karti, plastik u fdal ta' l-ikel.
3. L-______________________ hu dak iż-żmien bejn it-tfulija u meta nsiru adulti.
4. Nistgħu nevitaw ħafna ______________________ jekk noqogħdu attenti u nħarsu r-regolament tas-sigurta' fit-triq u fuq ix-xogħol.
5. L-______________________ hija mibnija fuq ix-xogħol tal-ħaddiema u dan iżid il-ġid nazzjonali.
6. Soċjeta' ______________________ tagħti l-istess opportunitajiet lil kulħadd ukoll lil dawk bi żvantaġġ fiżiku jew soċjali.
7. Ħafna ______________________ fis-soċjeta' jiġbru fihom membri li huma ta' l-istess fehma u skop.
8. Ħafna pajjiżi bħal tagħna fil-Mediterran jirsistu biex ikabbru l-industrija tat-______________________ għax dan iħalli ħafna qligħ għall-pajjiż.
9. Il- ______________________ hija ġabra ta' dak kollu li jagħmilna Maltin.
10. Għandna nħarsu lejn ir-______________________ b'sens kritiku għax mhux dejjem juruna r-realtà sħiħa.

**(1x10= 10 marki)**

**B. Kollox jiddependi mill-użu li jagħmel il-bniedem. Jista' jagħmel użu tajjeb jew użu ħażin minn dak li hemm fl-ambjent ta' madwaru. Għid kif isir dan f'dawn li ġejjin.**

| | **UŻU TAJJEB** | **UŻU ĦAŻIN** |
|---|---|---|
| 1. Ikel | ____________________ | ____________________ |
| 2. Mezzi ta' komunikazzjoni | ____________________ | ____________________ |
| 3. Ħin liberu | ____________________ | ____________________ |
| 4. Flus | ____________________ | ____________________ |
| 5. Teknoloġija | ____________________ | ____________________ |

**(2x5=10 marki)**

**Ċ. Aqra u wieġeb il-mistoqsijiet.**

Illum il-ħaddiema jgawdu minn ħafna drittijiet li permezz tagħhom ma jbatux kif kien jiġri fi żminijiet oħrajn meta l-ħaddiem kien qisu skjav, jiġifieri kien ikollu jbaxxi rasu għal kollox bil-fors. Kull ħaddiem għandu dritt li jissieħeb bħala membru f'unjon, biex din tħarislu l-interessi tiegħu. F'pajjiżna hawn ħafna unjons, fosthom l-eqdem waħda li hija l-Malta Union of Teachers. Iżda l-unjon tgħin lill-membri tagħha biex jiżviluppaw lilhom infushom biex jifhmu aħjar dak kollu li qed jiġri madwarhom u li jista jaffettwahom ukoll. Il-ftehim kollettiv li jsir bejn il-ħaddiema u min iħaddimhom jiġbor fih kemm id-drittijiet kif ukoll id-dmirijiet.

1. X'inhi unjon? ____________________________________________(2)

2. Għaliex il-ħaddiema jidħlu membri f'unjon? ______________________________

____________________________________________ (2)

4. Il-ħaddiema kif isibu ruħhom skjavi fuq ix-xogħol?

____________________________________________(2)

5. Semmi żewġ drittijiet li għandhom il-ħaddiema.

______________________ ______________________ (4)

5. Semmi xi isem ta' unjon oħra.______________________________ (2)

6. Semmi żewġ dmirijiet li għandu l-ħaddiem fuq il-post tax-xogħol.

______________________ ______________________ (4)

7. Xi jkun fih Ftehim Kollettiv? ______________________________ (4)

**(B'kollox 20 marka)**

**D. Bħalissa f'pajjiżna qed nisseparaw l-iskart u jkollna 'Car Free Day' biex innaqqsu l-problemi ta' saħħa li jaffettwaw lilna lkoll. Semmi:-**

1. kif għandu jiġi separat l-iskart.

__________ __________ __________ __________(2)

2. żewġ problemi ta' saħħa li joħloq it-traffiku.

____________________________________________ (2)

3. għaliex jaqblilna nużaw il-karozza tal-linja flok dik privata.

_______________________________________________________________ (2)

4. x'inhu riċiklaġġ.

_______________________________________________________________ (2)

5. xi tfisser *REDUCE, REUSE, RECYCLE* (bil-Malti: NAQQAS, ERĠA' UŻA, IRRIĊIKLA)

_______________________________________________________________ (2)

**(2x5=10 marki)**

**E. Agħti t-tifsira ta' dawn il-kliem li użajna matul il-lezzjonijiet ta' l-Istudji Soċjali.**

1. Studji Soċjali_______________________________________________
2. Ġustizzja Soċjali _____________________________________________
3. Servizzi Soċjali_______________________________________________
4. Problemi Soċjali _____________________________________________
5. Komunikazzjoni Soċjali _________________________________________

**(2x5=10 marki)**

**F. L-Għaqdiet volontarji hemm bżonnhom fis-soċjeta'. Semmi waħda minn dawn l-għaqdiet u għid f'madwar 50 kelma kif qegħda tgħin lis-soċjeta'.**

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

**(5 marki)**

**Ġ. Ħares lejn din il-*graph* u l-figuri tagħha u wieġeb il-mistoqsijiet.**




a. Fejn qed jinvesti (jonfoq) l-aktar pajjiżna?

_______________________________________

b. Liema settur soċjali qed jieħu l-anqas?

_______________________________________

ċ. Kważi 50% jingħataw għas-sigurta' soċjali. Semmi żewġ eżempji ta' sigurta' soċjali.

_______________________________________

d. 11% jintefqu għas-servizzi edukattivi. Semmi tnejn minn dawn is-servizzi.

_______________________________________

e. Għaliex il-pajjiż jeħtieġ sistema ta' ġbir ta' taxxi?

_______________________________________

_______________________________________

**(5 marki)**

## G. Kieku int x'kont tagħmel f'dawn is-sitwazzjonijiet?

1. Tiltaqa' ma' min li għal kull ħaġa juża l-karozza privata.

_______________________________________________

2. Tiltaqa' ma' żgħażagħ li jixtru u jieklu wisq 'junk' u 'fast food'.

_______________________________________________

3. Tiltaqa' ma' min jaħseb li meta tinstema' opinjoni fuq radju jew T.V. tkun vera.

_______________________________________________

4. Tiltaqa' ma' oħrajn li jaqbdu u jieħdu mediċini u pilloli mingħajr parir tat-tabib.

_______________________________________________

5. Tiltaqa' ma' nies li, meta jixtru xi ħaġa, bl-irċevuta u mingħajrha, xorta waħda għalihom.

_______________________________________________

**(10 marki)**

## GĦ. Taf tgħid għaliex:

1. Isiru l-liġijiet? _______________________________________________
2. Mhux bilfors naqblu f'kollox bejnietna? _______________________________________________

_______________________________________________

3. Isiru r-reklami? _______________________________________________
4. Għandna naqdu dmirna? _______________________________________________
5. Għandek tgħid "LE" xi drabi? _______________________________________________

**(5 marki)**

## H. Ikteb madwar 150 kelma fuq WIEĦED minn dawn.

1. Is-soċjeta' tagħti d-dritt ta' l-edukazzjoni lill-istudenti kollha. Għid x'inhuma d-dmirijiet tiegħek bħala student/a.

2. Hemm xogħol domestiku, xogħol klerikali u xogħol manwali. Fisser dawn it-tipi differenti ta' xogħol u agħti eżempji ta' kull tip.

3. Ta' spiss nisimgħu programmi u reklami fuq il-Mass Media. Semmi **tliet** mezzi differenti tal-media u fisser kif qed jaffettwaw lis-soċjeta'.

4. Jekk trid tħares saħħtek żomm iebes kontra x-xorb, it-tipjip u wisq iżjed kontra d-drogi. Tkellem dwar xi esperjenza li smajt jew taf biha inti stess. X'tagħlima ħadt?

5. Traffiku u inċidenti kuljum; skart u tniġġis. Ikollna ambjent aħjar jekk it-traffiku u l-iskart ikunu kkontrollati aħjar. Spjega kif.

6. Għamilt xi proġett fl-iskola din is-sena, ħriġt ħarġa kulturali jew kellek xi esperjenza għax ħadt sehem f'xi attivita' fl-iskola. Tkellem dwarha u għid kif għinitek.

**(15-il marka)**